**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tal-14 ta' Ottubru 2015

Talba Numru: 363/14

Numru fuq il-Lista: 20

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**vs.**

**Edric Edward Paul Bonello K.I. 271799(M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-28 ta' Mejju 2014, illi permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' elfejn mitejn u dsatax-il Ewro u erbgħa u sittin ċenteżmu (€2219.64), rappreżentanti ammont in konnessjoni mas-servizz ta' komunikazzjoni bil-kont numru *A/C 50912450* mogħtija mis-soċjeta' attriċi lill-konvenut.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota ta' riduzzjoni ppreżentata mis-soċjeta` attriċi fejn hija rriduċiet it-talba bl-ammont ta' tliet mija u ħamsin Ewro (€350) biex b'hekk l-ammont minnha pretiż niżel għas-somma ta' elf tmien mija u disgħa u sittin Ewro u erbgħa u sittin ċenteżmu (€1869.64).

Sema lil Simone Wightman rappreżentanta tas-soċjeta` attriċi tikkonferma bil-ġurament illi l-ammont pretiż mis-soċjeta` attriċi, hekk kif ġie ridott, għadu dovut u ma tħallasx.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta′ attriċi is-somma ta' elf tmien mija u disgħa u sittin Ewro u erbgħa u sittin ċenteżmu (€1869.64), bl-imgħax legali dekorribbli mill-4 ta' Ottubru 2013 li hija d-data tal-preżentata tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi, innumerata 2387/2013, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inklużi tal-ittra uffiċjali ċċitata huma a kariku tal-konvenut.

**Av. Nadia H.Vella**
Ġudikatur